MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 660/2004

**Costantino Cortis**

**Vs**

**Fondazzjoni Trasport ghall-Hajja Ndipendenti**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-Fondazzjoni konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hamsa u hamsin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm2055.67) rapprezentanti bejgh ta' fuel u servizzi ohra moghtija lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali , ilkoll kontra l-Fondazzjoni konvenuta li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tal-17 ta'Ottubru 2005 (fol 9 tal-atti) minn fejn jirrisulta illi l-ammont mitlub gie ridott

ghas-somma ta’ Lm1555.67,0 ghar-raguni hemm indikata (ara ukoll fol 6 tal-istess atti).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-Fondazzjoni konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-Fondazzjoni konvenuta naqset u ma dehritx fis-17 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-Fondazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm1555.67,0 bl-imghax legali mill-21 ta’ Novembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------